MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2004

Rikors Numru. 12/2004/1

Victoria Grech

vs

George Micallef

Il-Chairman tal-Bord,
Ra r-rikors in ezami li bih ir-rikorrenti, wara li ppremettiet illi hi tikri lill-intimat l-appartament numru erbgha (4) ta' Victor Flats, Triq il-Palma, Paola, bil-kera ta' mitejn lira fis-sena (LM200) pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem l-ewwel skadenza fil-15 ta' Marzu 2004.
L-esponenti trid tirriprendi pussess tal-imsemmi appartament ghar-raguni li l-intimat kien ripetutament impuntwali fil-hlas tal-kera a termini ta l-artikolu 9 (a) (i) tal-kapitolu 69.
Ghalhekk l-esponent bir-rispett titlob li dan il-Bord jawtorizzaha li ma ggeddidx il-kirja tal-imsemmi appartament numru 4 ta' Victor Flats Triq il-Palma Paola f'gheluq l-iskadenza korrenti fil-15 ta' Marzu 2004 u tirriprendi pussess tal-istess flat minn din id-data.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-interpelazzjonijiet legali tat-18 ta' Awissu, 18 ta' Settembru, 9 ta' Ottubru, 11 ta' Novembru u 2 ta' Dicembru, 2003 (Dok A sa E) kontra l-intimat.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess rikors (fol 2 sa fol 5A tal-atti).

Ra li l-intimat gie notifikat skond il-ligi bir-rikors in ezami (fol 8 'a tergo' tal-istess atti).

Ra d-digriet moghti fil-21 ta' April 2004 (fol 10 tal-atti).

<u>Ikkunsidra</u>

Illi kif rizultanti mill-istess atti, l-intimat avolja notifikat skond il-Ligi qatt ma deher quddiem l-istess Bord sabiex jikkontesta t-talbiet in ezami. In oltre, fil-jum appuntat ghas-smiegh tal-istess rikors ma saret ebda osservazzjoni b'kontestazzjoni ta' dak premess fl-istess rikors.

Ghalhekk l-intimat ghandu jigi kunsidrat bhala kontumaci u ghaldaqstant ghandu jigi applikat l-Artikolu 30 tal-ewwel proviso tal-Kapitolu 69 citat u ghandha tigi milqugha t-talba kif maghmula.

Ghal dawn il-motivi, jilqa t-talbiet kif dedotti mill-istess rikors u jawtorizza lill-istess rikorrenti sabiex ma ggeddidx il-kirja tal- appartament numru erbgha (4) ta' Victor Flats, Triq il-Palma, Paola, fl-gheluq tal-iskadenza tal-15 ta' Marzu 2004 u jawtorizza lill-istess rikorrenti sabiex tirriprendi l-pussess tal-istess appartament minn din id-data.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-18 ta' Awissu, 18 ta' Settembru, 9 ta' Ottubru, 11 ta' Novembru u 2 ta' Dicembru, 2003 kontra l-istess intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------